MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2008

Numru 292/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**Vs**

**Donavin Borg**

**Illum 13 ta' Mejju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Donavin Borg, ta' 28 sena, bin Carmel u Rita nee' Vassallo, imwieled Attard, fit-28 ta' Awissu 1979, residenti f' 'Evadne', Triq il-Qawsalla, Msida, u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 394079 (M);

Billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Jannar 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' optical diskettes konsistenti f'DVDs;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkustanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc , stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. AG3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 298 (1) (a) u (f) u 298 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Donavin Borg, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fedina penali netta tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Donavin Borg ghall-piena komplessiva ta' tmien mija u hmistax Euro u tmienja u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 815.28) multa ekwivalenti ghall-tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm350).

Inoltre, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti formalment u rispettivament bhala Dok. AG 8, Dok AG 9 u Dok. AG 10 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnonima lill-Agent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali biex jaghmel tali distruzzjoni u wara l-Agent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jipprezentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.

Tordna lill-Ufficjal Prosekutur sabiex fi zmien hmistax (15) il-gurnata millum jghaddi materjalment l-oggetti esebiti formalment u rispettivament bhala Dok. AG 8, Dok AG 9 u Dok. AG 10 lill-Agent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghal fini li ssir id-distruzzjoni ordnata f'din is-Sentenza ta' tali oggetti.

Peress illi f'dan il-kaz ma' jidhirx li gew inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lill-Agent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------